**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43– L-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

43.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

43.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**43.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

43.3.1 Is-Sindku rrefera għall-funtana tal-pjazza tad-Dehra u li issa wara l-manutenzjoni li saritilha, qegħda tiffunzjona sew u taħdem permezz ta' *timer*. Għad fadal il-ħtieġa li nsolvu l-problema tal-weraq għax inkella tfur. Dan jista jsir billi ser indawwru t-tarf tal-funtana permezz ta' xibka tal-*stainless steel*. Is-Sindku spjega li sabiex ikollna nixxiegħa nieżla b' aktar saħħa t'ilma, jinħtieġ li nżidu pompa oħra.

43.3.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li Richard Cauchi reġa' kkonnettja d-dawl tal-fanali ta' fejn ġej it-taraġ u jinħtieġ li niġru warajh sabiex jagħti bidu għax-xogħol tad-dawl fil-Gudja.

43.3.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li ser nissieħbu bħala partners mal-Kunsill Lokali Mellieħa fi proġett Network of Towns.

43.3.4 Is-Sindku rrefera għall-proposta li hemm il-possibilita' li tibda ssir maratona tal-ġiri u li tibda tidħol fil-kalendarju ta' attivitajiet.

43.3.5 Is-Sindku semma' li ntefa' appell għall-applikazzjoni tal-iżvilupp tal-Belvedere taż-Żewwieqa.

43.3.6 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mal-President ta' Malta rigward l-attivitajiet tal-Milied anke bħala attivita' kollettiva' bħala Kunsilli Għawdxin. Fir-rigward li l-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser jagħlaq l-10 anniversarju tiegħu, is-Sindku propona l-proposta li l-miġja tal-Maġi jiġi ntużat il-Palazz tal-President jew il-Verdala u norganizzaw attivita' bħala ġabra anke billi l-Maġi jorqdu lejl fil-kampijiet u jkun disponibbli għall-pubbliku. Dawn l-attivitajiet isiru bi skop għal ġbir tal-Community Chest Fund.

43.3.7 Is-Sindku rrefera għal filming li ser isir fix-Xatt l-Aħmar fuq bażi ta' jumejn. Inħarġitilhom n-No Objection mill-ERA u nħarġu l-permessi neċessarji.

43.3.8 Saret referenza għall-attivita' ambjentali EWWR li ser issir bejn is-17 u 25 ta' Novembru 2018 . Sar qbil li għandna nipparteċipaw f'din l-attivita' u nikkunsidraw li nixtru apparat ta *shredder* u nqattgħu z-zkuk u nużawh bħala compost u jitqassam lir-residenti. Sar qbil li għandna niġbru stimi dwar kemm jiswa dan is-*shredder*.

43.3.9 Is-Sindku rrefera għas-serata li ser tinżamm fil-Każin tal-Banda nhar id-29 ta' Settembru 2018 bl-isem "Naqsam il-Muża".

43.3.10 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li jiġu trimjati xi siġar tal-ħarrub u bajta fi Triq Ħamri u Triq Xprunara.

43.3.11Is-Sindku rrefera għat-Triq taċ-Ċimiterju peress li jinħtieġ li titnaddaf mit-trab u l-ħaxix.

43.3.12Is-Sindku Franco Ciangura għamel referenza wkoll għal-ħtiega li tinbidel it-tabella tal-Playing Field Amabile Cauchi għax spiċċat . Sar qbil li għandna nibdluha.

43.3.13Is-Sindku rrefera għall-ilmenti mressaq mis-sidien tal-istabiliment tax-Xatt, Sicilia Bella u Porto Vecchio li qed jiġu gwardjani lokali minn Malta u jagħtu ċitazzjonijiet u jerġgħu jitilgħu mal-istess vapur lura lejn Malta. Sar qbil li għandna nistħarrġu dwar jekk dan jistax isir.

43.3.14Is-Sindku rrefera għal fatt li l-pompa tal-funtana ta' Pjazza 10' ta Diċembru mhix taħdem u jinħtieġ li nsewwuha jew tinbidel.

43.3.15Is-Sindku talab sabiex tissewwa l-bankina ta' Toni tal-Gleneagles fi Triq iż-Żewwieqa.

43.3.16Is-Sindku rrefera għal fatt li Team Mosaic miexi tajjeb ħafna u kważi lestew il-biċċa xogħol tal-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar.

43.3.17Is-Sindku referra għal fatt li s-sena d-dieħla il-belt ta' Matera Sassi li ser tkun il Belt Kulturali Ewropea u għalhekk ikun jixraq li norganizzaw il-miġja tal-maġi minn hemm. Sar qbil li għandna nibgħatu email lil Ministru Conrad Mizzi biex ninfurmawh b'din l-inizjattiva u nitolbuh jisponsorjalna din iż-żjara.

43.3.18Is-Sindku rrefera għat-taħrika bil-Qorti li rċieva hu u s-Segretarju Eżekuttiv għax ma ħallasniex penali maħruġa mill-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Sadanittant ġie kkuntatjat l-avukat tal-kunsill u tana parir sabiex nordnaw *risk assesment* għall-uffiċju. Is-seduta tal-Qorti hija skedata għas-6 ta' Novembru 2018.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

43.4.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex tiġi trimjata ħarruba fi Triq Palma, Għajnsielem.

43.4.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir xi patching fi Triq il-Ġnien u Triq Baħħara.

43.4.3 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex isiru double yellow lines fi Triq Sant'Antnin kantuniera ma' Triq Ħamri peress li hija *blind corner.*

43.4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-talba tal-Patrijiet Franġiskani ta' Sant'Antnin sabiex jinżamm marċ nhar il-festa ta' San Franġisk. Sar qbil li l-Kunsill iħallas nofs l-ispejjes.

43.4.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex nirraportaw żewġ trailers li qed jipparkjaw fid-daħla ta' Triq Chambray.

## 43.5 Korrispondenza u Rapporti

43.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand Francis Agius sabiex jitneħħew double yellow lines li saru quddiem Sunrise,Triq Sant' Antnin.

43.5.2 Ġiet trattata talba mingħand Carmel Marmara sabiex issir mera fi Pjazza Indipendenza kantuniera ma' Triq Ramon Perellos. Sar qbil li għandna niċċekjaw fejn u għaliex hija meħtieġa.

43.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Annie Mercieca sabiex isir *litter bin* ieħor fi Triq ta' Lourdes għax il-bin li hemm dejjem qed ikun mimli. Sar qbil li għandna nagħmlu wieħed akbar milli hemm.

43.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Charlene Attard sabiex issir rampa minflok il-bankina li hemm f' 52A Triq Għajnsielem. Sar qbil li dan ix-xogħol għandu jiżdied mal-lista ta' xogħolijiet.

43.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Maria Xuereb u Jason Aloisio, li joqgħodu Flat 1 & 2, United Mansions, Triq Gudja, biex terġa tinkixef it-tappiera tad-drenaġġ li ġiet mirduma fil-bankina meta saret il-bankina. Dawn ir-residenti għandhom problema bid-drenaġġ u minħabba din il-problema ma tistax issir il-manutenzjoni għax jekk din issir id-drenaġġ ifur fil-flat 1. Sar qbil li għandna nittrattaw din il-biċċa xogħol b'urġenza.

43.5.6 Ġiet trattata t-talba mingħand Josette Bonello sabiex issir plakka kommemorattiva biex tikkommemora l-għarqa tal-Banċinu għax kien hemm l-għajnselmiż Joseph Xuereb li kien għereq dakinhar. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Ministeru għal Għawdex dwar dan u nitolbuhom jikkonsidraw li nagħmluha fil-promenade taż-Żewwieqa.

43.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Rose Mercieca sabiex jinżabru s-siġar tal-lewz u jinqata' l-ħaxix ħażin u l-cactus li tiela' minn ġol-wied fi Triq iż-Żewwieqa.

43.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Pawlu Rapa biex teħel tabella bl-isem ta' Triq Sant' Antnin. Din it-tabella kienet inqalgħet u għalhekk għandna naraw fejn hi t-tabella u nwaħħluha. Għandna naraw ukoll jekk is-Sur Rapa jaċċettax li teħel mar-residenza tiegħu.

43.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sur Terry Bate għal *one metre double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx f '105 Triq Hamri. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

43.5.10Ġiet trattata t-talba mingħand Loretu Galea għal one metre double yellow line fuq kull naħa tal-garaxx tiegħu fi Triq il-Ġnien. Sar qbil li din it-talba titressaq quddiem Transport Malta.

43.5.11Ġie trattat l-ilment mingħand CharlieSaliba rigward l-inkonvenjenza li qed isofri mit-tbattil tal-bin tal-flixken fejn talab li dawn il-bins jiġu ppostjati f'post ieħor. Il-Kunsill qabel li l-bins jinsabu f'post tajjeb u huma bogħod mir-residenza tiegħu. Sar qbil li għalissa il-bins ser jibqgħu fejn huma.

## 43.6 Wara l-Festa 2018

43.6.1 Saret referenza għall-festa tal-lokal bħala waħda li kienet suċċess. Saret referenza għall-problemi li nqalgħu rigward il-loġistika ta' permessi ta' għeluq tat-toroq u inġibdet l-attenzjoni li sena oħra nagħtu aktar attenzjoni. Issemmiet ukoll il-problema ta' nuqqas ta' pulizija.

43.6.2 Il-Kunsill faħħar l-inizjattiva li ttieħdet bejn l-għaqdiet li l-marċ tal-ġimgħa spiċċa fil-Pjazza għax dan wera element ta' għaqda.

43.6.3 Saret referenza għall-miġja tat-taljani fostna u għal fatt li qed tiġina spiża kbira ħafna peress li qed jigu numru kbir. Sar qbil li għal sena oħra l-kors tal-ingliż jitwaqqaf u nillimitaw in-numru ta' dawk li jżuruna.

43.6.4 Is-serati ta' Għajnsielemfest intlaqgħu tajjeb ħafna u l-Kunsill iħossu sodisfatt li ma qbiżniex il-*budget* allokat.

## 43.7 Safra Network of Towns f'Novembru

43.7.1 Saret referenza ghas-safra li ser tigi organizzat flimkien mal-Kunsill Lokali Gharb ghal Portugal bhala parti mill-progett Network of Towns bejn l-1 u 4 ta' Novembru. Ser nifthu din l-opportunita' ghar-residenti. Sar qbil li l-kunsillier Larry Buttigieg ghandu jmur jakkompanja lill-grupp f'isem il-Kunsill.

## 43.8 Proġett tat-Taraġ

43.8.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tat-Taraġ u rrefera għal-laqgħa li kellu mal-kuntrattur u l-perit u sar qbil li għandu jinbeda fis- 17 ta' Settembru. Ġie spjegat kif taħt it-taraġ ser isir xi tip ta' *culvert*. Ġie diskuss ukoll x'tip ta' dawl ser nagħmlu u li rridu noħorġu tender għal fanali. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit Shawn Micallef rigward l-aħjar *option* ta' dawl.

## 43.9 Proġett Triq il-Briegħen u Triq Xatt l-Aħmar

43.9.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-permess tal-iżvilupp għal proġett ta' Triq il-Briegħen u Triq ix-Xatt l-Aħmar tressaq quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar u ġie rrakkomandat għal refusal peress li talbu sabiex issir aktar ħdura maġenb it-triq. Għaldaqstant, il-Perit reġgħa rreveda l-pjanti u reġgħu talbu aktar dettalji u struzzjonijiet u ser jerġgħu jikkonsidrawha li l-permess għandu jiġi approvat għall-aħħar ta' Settembru. Sadanittant, il-kuntrattur huwa mistenni li ser jibda l-culvert tal-fibre optic biex sakemm joħroġ il-permess il-kanal ikun lest u b'hekk wara nkunu nistgħu nipproċedu bil-kumplament tax-xogħolijiet.

## 43.10 Proġett Pjazza Tolfa

43.10.1Sar qbil li għandna nitolbu lil Perit sabiex jagħtina l-ispecifications u x-xogħolijiet naqsmuhom f'fażi biex inqabbdu noħorgu tenders għall-materjal jew xogħolijiet u fejn nistgħu naħdmu bi stimi biex nevitaw id-dewmien.

## 43.11 Għeluq tal-Offerta ta' Triq Ħamri u ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni

43.11.1Sar qbil li bħala Bord tal-Evalwazzjoni għall-offerta ta' Triq Ħamri għandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, mill-Perit Edward Scerri, minn William Sultuna, mill-kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman u mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

## 43.12 Tilqima tal-Influenza

43.12.1 Il-Kunsill qabel li għandha tingħata t-tilqima tal-influenza bħas-snin ta' qabel. Sar qbil li għandna noħorgu avviż biex jinkitbu għal din it-tilqima u wara jingħataw fil-berġa tal-lokal minn tabib u nurse imqabbda mill-Kunsill.

## 43.13 Triq Baħħara

43.13.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm ir-residenti ta' Triq Baħħara li ġew iressqu l-ilment tagħhom dwar il-ħtieġa ta' esproprjazzjoni biex jinfetaħ l-aċċess adekwat għal Triq Baħħara. Waqt il-laqgħa ssemma' l-fatt li dan qed jiġi kkaġunat minn art privata li baqgħet ma nbnietx u permezz tagħha qed ibatu r-residenti tat-triq kollha. Is servizz tad-drenagg ghadda u ghalhekk suppost li din t-triq tigi kkunsidrata bhala pubblika, izda jridu ikun il-Gvern Centrali li jiddeciedi li jesproprjaha. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw l-avukat tal-Kunsill biex jghinna nressqu talba formali lill-Gvern Centrali.

43.13.2Ir-residenti lmentaw wkoll mid-dumping li hemm f'din it-triq. Sar qbil li ghandu jsir rapport mal-ERA u saret talba sabiex tigi trimjata harruba f'din l-istess triq.

## 43.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

43.14.1Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 43.15 Materji oħra

43.15.1Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-Ambaxxatur taż-żgħażagħ Ryan Mifsud bil-ħatra l-ġdida tiegħu.

43.15.2Sar qbil li għandna nippublikaw l-offerti tal-latrini pubbliċi tal-Pjazza u tat-terminal tal-Mġarr.

43.15.3Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lis-CVC sabiex jagħtuna stima għal 5-7 minutes feature fuq Għajnsielem.

43.15.4 Sar qbil li għandna nibgħatu reminder lill- HSBC biex jirranġaw il-merħba sign.

43.15.5 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Monument tal-gwerra jinħtieġ xi tip ta' manutenzjoni.

43.15.6 Sar qbil li għandna nibgħatu lment lid-Dipartiment tal-Indafa pubblika li Triq l-Imġarr mhix tinkines regolarment.

## 43.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

43.16.1Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Ottubru fl-4:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**